**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 3131/2025**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Amanda Agius**

**<u>Illum 11 ta' Lulju 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Amanda Agius** detenur tal-karta tal-identita Maltija **8383M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fid-dsatax (19) ta' Settembru 2021 ghal habta ta' 03:00 hrs waqt li kienet gewwa l-istabiliment '*Red Stars*', Triq San Girgor, Zejtun:

1. Bhala bar, kazin, ristorant, snackbar jew kiosk, li l-licenzja tal-operat tieghek qieghda taht tir-Regolamenti dwar licenzji tal-Pulizija jew ir-regolamenti dwar stabbilimenti li jipprovdu l-ikel, ma kinitx maghluqa bejn is-saghtejn ta' filghodu (02:00am) u l-hamsa ta' filghodu (05:00am).

2. Bhala bar, kazin, ristorant, snackbar jew kiosk, li l-licenzja tal-operta tieghek qieghda tah tir-Regolament dwar licenzji tal-Pulizija jew ir-regolamenti dwar

stabbilimenti li jipprovdu l-ikel, ma servejtx biss lil klijenti li kienu bilqeghda fuq mejda u mhux aktar minn sitt persuni, kif ukoll li bejn mejda u ohra ma nzammietx id-distanza ta' zewg metri.

3. Bil-lejl volontarjament kissirt il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew mod iehor.

4. Volontarjament kissirt il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

5. Bhala persuna responsabbli mill-istabilliment maghruf bhala Red Stars li jinsab fi Triq San Girgor, Zejtun, ippermettejt jew hallejt persuna jew persuni jpejjpu prodott ta' tabakk f'post pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku bil jew minghajr hlas.

6. Bhala operatur ta' attivita turistika, hallejt jew ippermettejt li l-post tieghek jintuza f'xi zmien ghal ghemil kontra l-ligi jew il-moralita pubblika.

7. Akkwistajt jew kellek fil-pussess tieghek jew importajt arma rregolari, liema zamma, akkwist, importazzjoni jew pussess huma msemmija fl-iskeda 1 u huma projbiti, liema oggett hu stun gun (taser gun).

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-appellanti milli jkollha jew tikseb il-warrant, licenzja, permess jew awtorita' ghal perjodu ta' zmien illi l-Qorti jidrilha xieraq skont l-Artikolu 30 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Marzu,2025, fejn  sabet lill-appellanta hatja tal-akkuzi numru tlieta (3), erba' (4) u seba' (7) filwaqt illi sabitha mhux hatja ta' l-akkuzi numru wiehed (1), tnejn (2), hamsa (5) u sitta (6) kif dedotti fic-citazzjoni u illiberatha minnhom. Konsegwentament, l-Onor. Qorti tal-Magistrati kkundannat lill-imputata ghal tlett

xhur (3) prigunerija li gew sospizi ghal zmien sena minn meta s-sentenza ssir *res judicata* u dan ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellanta giet ikkundannata thallas multa ta' tmenin Ewro (€80).

Illi in oltre, il-Qorti ordant il-konfiska tal-oggett u cioe tal-*istunt gun* esebit formalment waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2022 u li gie ukoll ezebit fil-kawza ; **'Il-Pulizija vs Albert Mifsud'** a favur il-Gvern ta' Malta. Finalment il-Qorti rrevokat kwalunkwe licenzja mahruga lill-appellanti taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u kwalunkwe ligi ohra u skwalifikat lill-hatja milli tottjeni kwalunkwe licenzja taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u kwalunkwe ligi ohra ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Amanda Agius, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-28 ta' Marzu 2025, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- **TIKKONFERMAHA** f'dik il-parti fejn sabet li l-appellanta mhux hatja ta' l-akkuzi numru wiehed (1), tnejn (2), hamsa (5) u sitta (6) kif dedotti fic-citazzjoni u illiberata minnhom, filwaqt ukoll illi **THASSARHA U TIRREVOKAHA** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanta hatja tal-akkuzi numru tlieta (3), erba' (4) u seba' (7) dedotti fil-konfront taghha u minflok **TIDDIKJARAHA** mhux hatja taghhom u b'hekk **TILLIBERAHA** minn kull imputazzjoni, htija u piena; sussidjarjament u f'kaz illi din il-Qorti jidhrielha li ghandha ssib htija, **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi l-esponenti appellanta ser tkun qieghda tinterponi dan l-umli appell fuq dawn il-punti u cioe:

1. Illi, umilment jiġi sottomess lill-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha u tal-Ligi applikabbli, stante lill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni kienu jaqgħu ʻil bogħod mill-grad rikjest mill-Liġi u ghalhekk ma setgħet qatt ikollha livell taʻ prova sal-konvinċiment morali tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant;
2. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-piena erogata fil-konfront tal-appellanta hija waħda eċċessiva;
3. Salv aggravji ohra li jistghu jigu trattati oralment.

A. **APPREZZAMENT ZBALJAT TAL-PROVI**

**i. Principji Generali**

Illi jigi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l- Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha stante illi kien hemm diversi punti illi l-ewwel qorti għażlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom mingħajr ebda prova.

Illi preliminarjament jibda biex jinghad illi l-appellant ma ghandu għalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innočenza tiegħu, filwaqt illi kif tiddetta l-liġi u del resto, anke' jghallmuna l-Qrati tagħna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, w cioe beyond reasonable doubt, li tfisser li l-grad ta' *buon sens* jew ghaqal li jwassal ġudikant sabiex jaqbel mat-teżi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinči lill-Qorti li l- akkużi addebitati lill-imputat huma veri w dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> "*Il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa onus probandi incumbit qui osservit.*"

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, għandha tillibera, stante li tali konflitt għandu jmur a benefiċċju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawża fl-ismijiet ***'Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker':***

> "*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*"

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet **'Il-Pulizija v Peter Ebejer'**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis c-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-ħtija tal-akkużati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raġuni u f'każ li jkun hemm xi dubju raġonevoli, il- Prosekuzzjoni tiġi kunsidrata li ma ppruvatx il-każ tagħha ta' ħtija u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi fl-umli fehma tal-appellant, u dan anke kif spjegat aktar fid-dettall f'dan ir-rikors, il-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova l-kaz taghha lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni, u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tillibera lil appellant anke fuq nuqqas ta' provi.

Huwa maghruf illi bħala regola l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti:

(i) jekk ma jintwerix illi l-apprezzament ikun wieħed irraġonevoli; jew

(ii) (ii) jekk jinstab illi huwa kontradett mill-fatti kif jemerġu mill-proċess; jew

(iii) (iii) jekk jirriżultaw dak li l-ġurisprudenza ssejjaħ *"ċirkostanzi eċċezzjonali"* (ara '**<u>Lapsi Estates Limited v. Anthony Baldacchino et</u>**.' - Appell Superjuri - 5 ta' Ottubru, 2023; '**<u>Josephine Agius v. Piju Theuma</u>** '- Qorti tal-Appell - 26 ta' Jannar, 2018).

Mill-banda l-oħra però l-Qorti tal-Appell ma hiex imxekkla milli tagħmel hi apprezzament tal-fatti u għanda s-setgħa u d-dmir li tinterpreta l-provi mressqa b'mod differenti minn kif tkun interpretathom l-Ewwel Qorti jekk tqis illi din tal-aħħar tkun għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li ma jsib bl-ebda mod sostenn fl-atti. Kif inżamm fis-sentenza "**<u>Dott. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat et</u>**"[1] tal-14 ta' Diċembru, 2018:

> *".... il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-Ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament millgravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti".*

[1] Ara wkoll: Maria Concetta Shires v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku et. - Appell Superjuri - 25 ta' Frar, 2021.

Illi fuq dan l-aggravju, issir referenza wkoll għal dak li ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**<u>Nazzareno Cardona et v. Massimo Zahra et</u>**"[2] :

*"…din il-Qorti tagħraf li bħala regola m'għandhiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi jew ta' min imissu jitwemmen. F'ċirkostanzi bħal dawn, sakemm l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi fattwali li jsir mill-Ewwel Qorti ma jkunx fid-dieher wieħed irraġonevoli, din il-Qorti ma tindaħalx biex tgħid x'kienet taħseb hi jew jekk l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti kinitx tagħmlu bħalha[3] . Madankollu, huwa minnu wkoll li din il-Qorti (diversament komposta) qalet li:*

*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-Ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-Ewwel Qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament millgravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.[4]"*

---

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-16 ta' Dicembru, 2019

[3] Josephine Agius v. Piju Theuma, deċiża mill-Qorti tal-Appell, is-26 ta' Jannar, 2018.

[4] Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat - Prim Ministru et., deċiża millQorti tal-Appell, fl-14 ta' Diċembru, 2018.

**ii. Il-prosekuzzjoni qatt ma resqet l-ebda prova li dak li gie elevat kien verament 'arma ' jew sahansitra 'taser gun'.**

Illi b'kull dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, is-sebgha akkuza qatt ma setghat tirrizulta. Fl-ewwel lok, waqt ix-xhieda tal-Ispettur Dorette Cuschieri li saret nhar it-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn, tnejn u ghoxrin (2022), u li tinsab *a fol* 34 tal-atti processwali, gie ezebit allegatament ''taser gun'' li kien instab waqt l-ispezzjoni li kienet saret mil-Pulizija gewwa ir-Red Stars, Zejtun.

Illi jigi umilment sottomess illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tiproduci bhala xhud li hu espert fil-materja sabiex jivverifika bhala stat ta' fatt illi dak l-oggett esebit u li huwa allegatament 'taser gun', huwa fil-fatt dak li qieghed jigi allegat li hu. Illi la l-prosekuzzjoni, la d-difiza u b'kull dovut rispett lanqas l-Ewwel Onorabbli Qorti ma huma esperti fil-materja fejn jidhlu armi regolari u rregolari u ghalhekk hadd mil-partijiet ma setghet ghamlet jew waslet ghal din id-distinzjoni.

Illi ssir referenza ghal-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spett Ian J. Abdilla) vs Martin Cachia'** fejn permezz ta' sentenza datata il-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004), l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati qalet illi ;

> ***''Illi tali prova teknika u cioe jekk oggett huwiex originali jew le, tista tirrizulta biss permezz ta' nomina ta' espert tekniku li ghandu din il-hila specjali li jezamina oggetti ta' din in-natura.''***

Fis-sentenza surreferita, l-Qorti ghamlet referenza ghal-fatt li ; *'il-Prosekuzzjoni talbet in-nomina ta' espert sabiex jezamina l-oggetti esibiti millProsekuzzjoni fl-istess seduta u cioe l-oggetti ndikati fiddokument CSH 9'.* Iktar l-isfel fil-kunsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti kompliet billi qalet illi:

> ***'.. fin-nuqqas ta' tali relazzjoni u ta' relazzjoni ta' xi espert nominat mill-Qorti, tali akkuza ma tistax tirrizulta.''***

Jidher car illi f'dawn il-proceduri, il-Prosekuzzjoni **QATT** ma talbet lill-Ewwel Onorabbli Qorti biex jigi mahtur espert sabiex jivverifika li l-oggett ezebit fl-atti processwali kien verament dak li kien qed jigi allegat li hu. Ghalhekk, kif gie kkonfermat permezz tal-gurisprudenza supracitata, qatt ma setghet tinstab htija tal-akkuza numru sebgha (7).

**<u>iii. Qatt ma gie provat illi l-allegat 'taser gun' kien propjeta tal-appellanti.</u>**

Illi jigi umilment sottomess, illi minkejja li fix-xhieda taghhom PS 1405 D. Gerada ( *a fol* 3-9), PC 2388 G. Formosa (*a fol* 11 ) , PC 1158 C. Saliba ( *a fol* 13) , l-ufficjali tal-Korp tal-Pulizija qabblu li meta mitkelma mil-Pulizija, l-appellanti nisslet il-kliem *'... x'tippretendu go hanut bhal dan ma zzomx taser....',* qatt ma tresqet l-ebda prova mil-prosekuzzjoni li l-appellanti kienet sid l-allegata arma, li kienet hi li poggietha hemm jew li akkwistata jew li sahansitra xi darba ghamlet uzu minnha.

L-appellanti kienet biss qieghda tahdem fl-istabbiliment. L-istabbiliment ma kienx propjeta taghha, la kien mikri lilha u lanqas jghajjat lilha u ghalhekk anka jekk forsi gieli nnutat li kien hemm l-allegat 'taser gun' mizmum wara l-bar tal-istabbiliment fejn hija kienet qed tahdem , dan ma jfissirx li dan kien b'xi mod akkwistat minnha jew fil-pussess taghha. Fl-umli fiehma tad-difiza, il-fatt illi l-appellanti ma hadithiex bil-kbira li kien hemm l-allegata arma go post fejn in-nies ikunu qed jikkunsmaw volumi ta' xorb alkoholiku, ma jirrizulta bl-ebda mod illi dik l-allegata arma kienet taghha.

Illi ghalhekk ghaldarbohra, peress illi ma gietx ezebita l-aqwa prova kif titlob il-ligi f'dan ir-rigward, l-appellanti QATT ma tista' tinstab hatja tas-sebgha (7) akkuzan hekk kif dedotta fil-konfront taghha. Illi fl-umli fehma tal-appellant, u dan anke kif spjegat aktar fid-dettall f'dan ir-rikors, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni, u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tillibera lil appellanta anke fuq nuqqas ta' provi.

**B. <u>PIENA EROGATA</u>**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dan l-aggravju jirrigwarda l-piena. Illi l-appellanta umilment tirrileva illi l-piena moghtija lilha hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.**

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li l-piena qatt mghandha sservi sabiex titpatta l-hsara Ii tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru.

Illi f'dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza '**<u>Il-Pulizija vs Francis Mamo'</u>**:

> *Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex iviehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta' fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza,fost ajfarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kifukoll ir-riforma tal-istess hati.*

> *Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'.Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta'dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta'reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta'deterrent generali. Il-Qrati ta'gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

> *Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il- parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema,skond ic-cirkostanzi ta'kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu....*

> *Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja*

*jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha,inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta'certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Anton Vassallo'</u>** deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

*"ll-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta\ Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. ll-Qrati ta'gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta' ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta'ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta' permezz ta' servizz fil-komunita'. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi*

*l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta' offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **'Il-Pulizija vs Maurice Agius'**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat in funditus meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

*Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija v.Anthony Wood din il-Qorti (kif ilium presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta'prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta'gurisprudenza lokali. Huiva car, anke fid-daiul tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-eivivel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi ( jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit,tenut kont tac-cirkostanzi kollha,li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe' biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Haion ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal -Artikolu 28A u jipprova jara kifibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe' biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-emvel haga li trid issir fdana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx*

*xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gia' msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe' ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

*Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing "[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l- iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika 1- piena "normali" preskritta mill- ligi ta' prigunerija b'effett immedjat, Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).*

*9. Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta', il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il- koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal- investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix faktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is- socjeta, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza uljew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is- socjeta u tar-reazzjoni tas-socjeta ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l- impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax I minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif gal Lord Justice Lawton fil-kawza R v. Sargeant:*

*"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t'Ottubru 2019 fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'</u>** gie kkunsidrat li:

*'6. Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il-Qorti trid tistharreg jekk il- Qorti tal-Magistrati setghetx legalment u ragonevolment tasal ghas-sentenza taghha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx zbaljata fil-principju, jew jekk kienetx manifestament eccessiva. Kif gie mistqarr mill-Qorti tal- Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet* **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** *decīza nhar il-25 t'Awissu 2005:*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, "This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord*

*Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Magistrati li tiddeciedi fuq il-fatti tal-kaz, fuq jekk l-imputat ikunx hati jew le, u jekk hati, x'piena ghandha tinghatalu. Jekk il-Qorti tal-Magistrati ma tkunx hadet zi zball fl-analizi tal-provi jew tal-Ligi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il- Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew thassarha jekk ma jkunx hemm raguni valida ghaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Magistrati tkun hadet xi zball, imbaghad din il-Qorti ghandha d-dmir li dak l-izball tirrangah.*

1. *Din il-Qorti trid tanalizza tokoll jekk il-Qorti tal-Magistrati applikatx piena li kienet manifestament eccessiva meta wiehed jichu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas- sentenza emessa minnha. Kif*

*intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li gie wkoll imbaghad ribadit fl-appell superjuri Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb, decīza nhar il-15 ta' Dicembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza moghtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliciment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ghola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien mehtieg li l-appellant juri li l-piena moghtija mill- Qorti tal-Magistrati kienet tohrog barra mill-parametri tal-piena jew mizuri applikabbli għall-kaz. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma zbaljati fil-principju, ghalkemm ikunu jidhru li huma pieni horox ghal xi Gudikanti. Biex piena moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tigi mibdula jrid jigi pruvat li kien hemm xi zball fil-principju meta giet emanata dik il- piena.*

Il-gustifikazzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jigifieri l-effett:

(a)Retributtiv;

(b) Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.

***L-aspett retributtiv*** *tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali socjali ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara lis-socjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-socjeta tezigi li l-hati jagħmel tajjeb ghall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' tagħha.*

***L-aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biza li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata tohloq f'mohh is-socjeta, b'mod li dak li jkun jerga jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minhabba l-biza li tehel il-piena, persuna tigi mgeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuz.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-ichor ta' natura specjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, is- socjeta tigi kemm jista' jkun imrazna milli tikkommetti reati minħabba l- biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerga jahsibha sew qabel ma jaghzel li jikser il-Ligi. Jekk is-socjeta titlef din il-biza mill-piena minhabba li l-Ligi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgieghel lill- membri tas-socjeta milli jiddezistu ghax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jero b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall- membri fi ħdan socjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall- interessi tal-kollettivita'. Is- socjeta allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall- ezistenza pacifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-aspett **riedukattiv u rijabilitattiv** tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, dagskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-*

*rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghas-socjeta in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-ragunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas- socjeta bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Biex dan l- ghan jintlahaq, il-hati għandu jsib dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jigi mghejjun itejjeb l-imgieba tieghu b'mod li għalhekk ikun jista' jerga jigi reintegrat fis-socjeta, billi jigi riedukat, imheggeg jizviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraggit jahdem biex ikollu biex jerga jibni hajtu u jgħix dicenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawza b'eghmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm għandha effikacja repressiva.'*

Ghalhekk il-piena imposta kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta’ gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal- lum. Illi ghalhekk l-appellant tirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u cioe il-piena ta’ tliet xhur prigunerija sospizi ghal-sena, meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

L-esponenti umilment tirrileva, minghajr pregudizzju ghas-sejbien ta’ htija jew le, li l-principji esposti fil-gurisprudenza hawn citata jincidu direttament fuq l-appell odjern, u ghalhekk il-piena mposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi varjata sabiex tirrifletti r-realta’ li attwalment l-esponenti tinsab fiha, u huwa ghalhekk li fl-umli fehma tal-appellanti, li piena karcerarja sospiza mhijiex idoneja.

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali.

**Ikkunsidrat**.

Fir-rigward ta' dak li gie premess fir-rikors promotur fir-rigward tal-prova li trid taghmel il-prosekuzzjoni jinghad is-segwenti. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Il Pulizija vs Eleno sive Lino Bezzina**[5] ġie deċiż:

> *Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt,' kif gie deciz fil-kawza "**Pulizija vs Bugeja**", tas-26 ta' Marzu, 1987.*

Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le. Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "**Pulizija vs Peter Ebejer**" (citat mmill-appellant stess) deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997 qalet illi:-

> *"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi*

[5] Per Onor. Imhallef Raymond C. Pace, Onor. Imhallef David Scicluna u Onor. Imhallef Joseph R. Micallef; Deċiża 24 ta' April, 2003, Att t'Akkuża Numru 10/1994

*u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni.*

*Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "Miller v. Minister of Pensions" [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt"; "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374).*

Illi din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru, 2002 fil-kawza fl ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm*

*konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il Qorti qalet "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

(ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)." (Ara wkoll Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. 32 Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi ghalhekk in vista tas-suespost din il-Qorti trid tesamina mill-gdid il-provi prodotti sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova rikjesta fil-ligi ghas-sejba ta' htija fir-rigward tal-akkuzi li taghhom instabet hatja l-appellanti.

Il-prosekuzzjoni esebiet l-affidavit ta' **PS 1405 D Gerada** fejn spjega li nhar id-19 ta' Settembru 2021 bejn it-3.00 a.m u s-1.05 il-Pulizija mill-ghassa taz-Zejtun flimkien ma dawk mill-ghassa ta' B'Bugia assistiet mis-sezzjoni tal-RIU, tad-Dog Section u tad-

Drug Squad bis-setgha ta' mandat mahrug mill-Magistrat Dr Doreen Clarke twettqet operazzjoni ta' tfittxija gewwa l-istabbiliment 'Red Stars, Triq San Girgor, Zejtun.'

Ghal habta tat-3.00 a.m il-Pulizija hadet access tal-post imsemmi fejn fih kien hemm diversi persuni bil-wieqafa (50 persuna) u fost dawk il-persuni kien hemm hafna li kienu qeghdin ipejpu fuq gewwa u hekk kif il-post gie fil-kontrol tal-pulizija minnufih bdew it-tfittxijiet (frisk search) fuq il-persuni kollha gewwa l-istabbiliment fejn fuq dawn il-persuni erbatax-il persuna instabet sustanza ta' droga. Wara li l-istabbiliment gie zvojtat fil-presenza ta' Amanda Agius instabu xi sustanzi suspettati droga.

Il-pulizija distrettwali flimkien ma' dawk tad-Drug squad u fil-prezenza shiha u kontinwa ta' Amanda wettqu tfittxija mal-istabbeliment kollu fejn ghal habta tal-4.30 fuq raff fil-kazin ezattament fuq is-sink instabet kaxxa li fuqha kien hemm imnizzel K 95 Typoe High Power Shot Gun li meta din infethet kien hemm go fiha oggett forma ta' mowbajl li possibilment jista' jintuza ukoll bhala shot gun.

F'dan il-punt Amanda lisnet il kliem '*x'tippretendu go hanut bhal dan ma inzommx taser'* Ghal habta tal-4.41 din qalet ukoll "Issa incempel lil Ramon, kollha ser tohduwha l-promotion'. Minn din it-tfittxija l-pulizija ma kellha l-ebda rizultat pozittiv. Ghalhekk iddahlu l-klieb tad-Dog section u fil-prezenza ta' Amanda dawn ghamlu dak mistenni minnhom izda ma nstab xejn illegali u Amanda regghet ikkumentat u tenniet "ahna *konna nafu bikhom ta, xejn mhu se ssibu tintkwetawx.'*

Fil-hin li bdiet l-operazzjoni wara l-bar kien hemm Amanda flimkien ma' binha Leon li minnufih gew infurmati bl-arrest u inghataw is-solita twissija u drittijiet kif ukoll gew murija l-Mandat imsemi aktar qabel.

Aktar tard wasal fuq il-post sid l-istabiliment Albert Mifsud fejn intalab sabiex flimkien ma' Amanda u Leon imorru l-ghassa taz-Zejtun sabiex jigu mitkelma kif ukoll sabiex Albert jipprezenta d-dokumenti u l-permessi kollha tal-istabiliment.

Fil-hin il-pulizija bdiet l-operazzjoni fuq gewwa kien hemm madwar 50 persuna lkoll bilwieqfa u bla maskli b'dawl ta' hafna kuluri jixghel l-istabiliment kollu, muzika gholja li bdiet tinstema anke minn barra il-bieb tal-aluminium maghluq biex b'xorb f'idejhom u mal-bar, kif ukoll Amanda u Leon minghajr maskla fuq gewwa. Fl-

istabbiliment kien hemm ukoll diversi persuni li dehru ipejpu gewwa izda dawn ma setghux jigu identifikati ghar-raguni ta' ammont kbir ta' nies fic-cokon tal-istabbiliment.

Is-Supretendent J Mifsud inzamm aggornat b'dak li kien ghaddej. Hekk kif nhar il-21 ta' Settembru, 2021 Albert Mifsud mar gewwa l-ghassa taz-Zejtun dan gie nfurmat b'dan ir-rapport u inghata is-solita twissija u drittijiet legali li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu liema dritt gie michud minnu u ffirma dikajrazzjoni ghal dan il-ghan.

Gie mitlub jipprezenta dokument u permessi tal-istabiliment bl-isem ta' Zejtun Red Stars mehtiega li gie mitlub nhar id-19 ta' Settembru, 2021. Dan ipprezenta certifikat ta' registrazzjoni tal-Klabb Red Stars validu minn l-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Jannar 2021 u ricevuta ta' cekk bl-ammont ta' €46.59. Meta gie mistoqsi jekk ghandux id-dokument ta '*substitute*' dan stqarr li jiftakar li kienu ffirmax xi dokumenti ohra imma fuqu ma kellux. Qal li ma kienx jaf li kien hemm min kien qed jiehu d-droga ghandu, 'l ghaliex kienu bla maskla u li kellu muzika amplifikata. Lanqas ma kien jaf ghaliex Amanda u Leon kienu fil-bar jaqdu in-nies bla maskla. Leon wkoll inghata t-twissija skond il-ligi u nghata id-dritt li jikkonsulta avukat izda irrifjuta wkoll. Qal li kien wara l-bar jghin u ma kienx jaf li kien hemm min kien qed jabbuza bid-droga. Qal li kien informa lil patrocinati tieghu sabiex jilbsu maskla izda wara li jiehdu zewg drinks dawn ma jghatux kazu. Anke dwar il-fatt li jkun hemm nies ipejpu jghid li hu jwaqqafhom izda ma jaghtux kazu. L-appellant inghatat id-drittijiet taghha ukoll u irrifjutat l-assistenza legali. Tghid li ma tkunx taf min jiehu d-droga u kien ikun ahjar li l-pulizija (indirizzata lil PS 14095) jiehu it-test tal-awrina ukoll. Mistoqsija ghaliex kien hemm nies bla maskla fil-bar tghid li hi tahdem wara l-bar u mhux security. Qalet li l-muzika ma kienitx daqshekk gholja ghax semghathom gejjin mill-ewwel. Mistoqisija x'riedet tghid li kienet ser icempel lil Ramon tghid li kien hu li semgha hekk. Flimkien ma dan l-affidavit gie esebit *evidence bag* bin-numru MO1393773 bi *shot gun* go envelope abjad, dikajrazzjoni ta' Albert, dikajrazzjoni ta' Amanda, dikajrazzjoni ta' Leon u kopja tar-rapport tal-pulizija.

Rat l-affidavit ta' **PC 2388 G Formosa** esebit fl-atti (fol. 10) fejn kkonferma li nhar id-19 ta' Settembru 2021 bejn it-3.00a.m u s-1.05 il-Pulizija mill-ghassa taz-Zejtun flimkien

ma' dawk mill-ghassa ta' B'Bugia assistiet mis-sezzjoni tar-RIU tad-Dog Section u tad-Drug squad bis-setgha ta' mandat mahrug mill-Magistrat Dr Doreen Clarke wettqet operazzjoni ta' tfittxija gewwa l-istabbiliment Red Stars, Triq San Girgor, Zejtun. Huwa kkonferma ix-xhud precedenti u cioe dak li qal **PS 1405 D Gerada.** Ikkonferma li fil-bar kien hemm diversi persuni bla maskla, ohrajn ipejpu bid-drink f'idejhom. Kien hemm madwar hamsin ruh fil-bar u Leon kien flimkien mal-appellanti wara l-bar. Ikkonferma li kien hemm muzika gholja u hafna dawl jixghel ta' kull kulur.

Rat l-affidvit ta' **PC 1158 C Saliba li** ukoll kkonferma dak li qalu iz-zewg ufficcjali l-ohra .

Rat l-affidavit ta' **PC 1411** esebit fl-atti waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2022 fejn qal li kien assista lill-pulizija tal RIU, tad-Dog Section. Lill-pulizija tad-Drug Squad u dawk tad-distrett ta' B'Bugia  fuq operazzjoni li twettqet wara li l-pulizija ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Tfittxija fuq il-post 'Red Stars, Triq San Girgor, iz-Zejtun.' Huwa assista lil PC 1158 u PS 1405 jiehu dettalji ta' certu persuni li nstabu li kellhom xi sustanzi illegali fuqhom.

Il-fond gie zvojtat u wara l-bar kien hemm l-appellanti flimkien ma' binha Leon. Dawn gew arrestati u nghataw id-drittijiet taghhom. Jghid li fuq raff fil-kcina ezattament fuq is-sink instabet kaxxa li fuqha kien hemm imnizzel K 95 Type High Power Shot Gun u meta din infethet fiha kien hemm oggett fi forma ta' mowbajl li possibilment jista' ukoll jintuza bhala shot gun. Aktar tard fuq il-post wasal Albert Mifsud sid l-istabbiliment u ntalab imur l-ghassa beix jigi mitkellem.

Rat l-affidavit ta' **Malcolm Zerafa** in rappresentanza tad-dipartiment tal-licenzji fl-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta. Dan iddikajra li mir-ricerki li ghamel minn fuq is-sitema tal Awtorita ghat-Turizmu ma instabitx l-informazzjoni mitluba mill-pulizija (vide dok esebit a fol. 27). Pero minn ezami tal-licenzja esebita tal-fond Red Stars jidher li l-persuna registrata hija Noel Agius u dan wara li l-licenzja daret ghal fuqu nhar is-7 ta' Mejju, 2021.

Rat ix-xhieda moghtija minn l-**Ispettur Doriette Cuschieri** nhar it-18 ta' Frar 2022 fejn pprezentat Taser Gun li kien instab waqt spezzjoni li kienet saret gewwa 'Red Stars gewwa iz-Zejtun. Hija pprezentat ukoll l-okkorenza. L-ispezzjoni saret nhar id-19 ta' Settembru, 2021.

**Ikkunsidrat**.

Illi fl-ewwel lok il-prosekuzzjoni kellha tipprova n-ness ta' bejn l-fond Red Stars u l-appellanti Amanda Agius. Il-fatt li kienet wara il-bank ma' binha Leon ma jfissirx li hija responsabbli ghal dak li jigri gewwa l-fond li jappartjeni lil Albert Mifsud. Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fl-aggravju dwar jekk l-oggett li gie esebit formalment minn l-Ispettur Doriette Cuschieri kienx Taser Gun jew le u dan ghaliex minn imkien ma jirrizulta li dan l-oggett kien proprjeta taghha. Il-fatt li setghet qalet il-kliem rapportat fl-affidavits tal-pulizija u cioe ' *x'tippretendu go haunt bhal dan ma inzommx taser'* ma jfissirx li qed tassumi responsabilita tieghu kuntrarjament ghal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti. Illi l-prosekuzzjoni naqset li tipprova min hu sid dan l-ogett lanqas ma giet mistoqsija mill-pulizija waqt l -investigazzjoi liema xhieda kienet tkun prova li kieku ttiehdet skond il-ligi jekk l-oggett kienx taghha. Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol fl-aggravju dwar jekk il-prosekuzzjoni irnexxilhiex tipprova x'kien l-oggett li gie elevat minn fuq ir-raff u cioe jekk kienx arma u x'tip ta arma kienet.

Konsegwentement l-appellant ghandha ragun ssostni li s-sebgha akkuza ma tistax tirrizulta provata.

Dwar l-akkuzi l-ohra li taghhom instabet hatja u cioe t-tielet u r-raba' akkuzi l-prosekuzzjoni kellha tipprova li l-appellanti kellha ir-responsabbilita' tal-fond Red Stars u mhux biss li kienet prezenti fih meta saret it-tfittxija u kien hemm dan l-allegat storbju u ksur. Hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma qal li kienet l-appellanti di persona li kienet qed tikser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew li kisret il-

paci pubblika b'ghajjat u glide. Ghalhekk anke dawn l-akkuzi ma jirrizultawx provati b'mod sodisfacenti.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tilqa' l-appell tal-appellant u qeghda ghalhekk tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx htija fir-rigward tal-ewwel (1), it-tieni (2), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuza fejn illiberat lill-appellanti minn tali akkuzi pero qeghda tilqa' l-appell tal-appellant fir-rigward tal-akkuzi li taghhom instabet hatja l-appellant u cioe it-tielet (3), ir-raba (4) u s-sebgha (7) akkuza u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitha hatja taghhom b'dan illi tiddikjara li ma hiex qed issibha hatja taghhom u tilliberaha minnhom.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**